# AKKOMODAZZJONI AFFORDABBLI FIS-SIĠĠIEWI

**FL-AĦĦAR JIEM ĠEW APPROVATI L-AĦĦAR EMENDI GĦALL-PROĠETT TA' AKKOMODAZZJONI AFFORDABBLI FIS-SIĠĠIEWI.**







Il-proġett mexa fuq l-istess prinċipji approvati mill-permess oriġinali tal-2006 li kien approvat fl-2013. **Il-proġett isegwi l-*policies* relevanti kollha** tal-ippjanar, u kien ukoll suġġett għal skrutinju mill-assessjar ambjentali u ta' ppjanar.



Dan il-proġett ta' akkomodazzjoni soċjali fis-Siġġiewi jinkorpora total ta' 84 appartament, illi 18 minnhom huma parti minn proġett ta' ***sheltered housing* għall-anzjani,** kif ukoll **faċilitajiet ta' *childcare*.**

Rigward il-kwistjoni ta' parkeġġ, il-gvern jinnota li żviluppi simili f'din l-istess żona ppreferew iħallsu multa milli jipprovdu spazji ta' parkeġġ. Dan wassal għal problema ta' parkeġġ f'din iż-żona, ħaġa li kkonfermawha għal diversi drabi r-residenti. Il-Gvern għażel illi ma jagħmilx l-istess, u b'hekk qed jinkorpora **105 spazji ta' parkeġġ**, ħafna aktar mill-minimu rikjest bil-liġi. Il-proġett se jsaħħaħ ukoll **l-aċċess għal-lokalità** aktar minn kif kien ipprovdut s'issa mit-toroq eżistenti.

"DAN HU GVERN LI JISMA' IŻDA WKOLL LI JAĠIXXI. SMAJNA X'KELLHOM JGĦIDU R-RESIDENTI TAL-MADWAR U ŻAMMEJNA LURA MILLI NIBNU SULAR IEĦOR. IŻDA DAN IL-GVERN HUWA KOMMESS ILLI DAN IL-PROĠETT ISSA JIBDA JITWETTAQ WARA LI SEGWA L-ASSESSJAR KOLLU AMBJENTALI U TA' PPJANAR KIF STABBILITI BIL-LIĠI."

**RODERICK GALDES**
SEGRETARJU PARLAMENTARI
GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI





Skont il-pjan lokali, l-art magħżula setgħet tinkorpora aktar minn 120 appartament, iżda l-Gvern iddeċieda li ma jagħmilx dan. B'hekk, **il-proġett jamalgama mal-bini tal-madwar**, u fl-istess waqt ma jħallix impatt negattiv fuq iż-żona nfisha u tal-madwar.

DAN IL-PROĠETT SE JIPPROVDI AKKOMODAZZJONI AFFORDABBLI LIL MADWAR 65 FAMILJA U NUMRU TA' ANZJANI.



SEGRETARJAT PARLAMENTARI
GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI